# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 2 ta' Novembru 2000.**

**Numru 62**

**Citaz. numru 550/94 DS**

Leonard Agius u Louis Scicluna, rispettivament fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju tal-Bord ta'Sorveljanza tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar

vs

Michael Zammit u Carmelo Baldacchino rispettivament fil-kwalita` taghhom ta' President u Segretarju tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar

Ilum, 2 ta' Novembru 2000

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-25 ta' April 1994 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi l-atturi gew eletti ufficjali tal-Bord ta' Sorveljanza tal-Koperattiva Bdiewa Zabbar, waqt laqghat Generali tal-Koperattiva Bdiewa Zabbar li nzammu rispettivament fl-20 ta' Gunju u fis-26 ta' Settembru 1993.

Illi l-atturi persistentement insistew mal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, biex jattendu ghall-laqghat tal-istess

Kumitat ta' Tmexxija izda l-konvenuti rrifjutaw li jaghtu access lill-atturi ghal dawn il-laqghat;

Illi di fatti l-artikolu 78 tal-Att tal-1978 dwar l-ghaqdiet Koperattivi jikkontempla struttura ta' dmirijiet statutorji li l-atturi huma tenuti li jwettqu bhala ufficjali tal-Bord ta' Sorveljanza;

Illi di fatti l-artikolu 78(1) tal-Att precitat jimponi d-dmir fuq il-Bord ta' Sorveljanza "biex jizgura li l-affarijiet tal-Ghaqda jitmexxew skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kif ukoll skond ir-regoli ta' l-Ghaqda u skond id-decizjonijiet u rizoluzzjonijiet adottati f'laqghat generali jew f'laqghat tal-Kumitat". Dan id-dmir jippresupponi korrelattivament il-jedd da parti tal-atturi li jissindikaw fuq l-operat tal-Kumitat imsemmi u dan fil-fatt huwa mahsub b'mod esplicitu mill-artikolu 79 (1) a tal-Att fuq citat, li jikkontempla li l-Bord ta' Sorveljanza huwa tenut li "jissorvelja l-eghmil tal-Kumitat…."

Illi huwa evidenti li fl-ezercizzju tad-dmir ta' sorveljanza, il-Bord ta' Sorveljanza ghandu jissindaka anke fuq dak kollu imsemmi permezz tal-attendenza fizika tal-ufficjali tal-Bord ta' Sorveljanza ghall-laqghat tal-kumitat riferit. Tant hu hekk li ai termini tal-istess Artikolu 7(1) g il-Bord ta' Sorveljanza huwa tenut li"jipprezenta ghall-laqgh generali annwali rapportspecjali fuq it-tmexxija…..ta' l-ghaqda….." Stante li t-tmexxija tal-Ghaqda tiddependi fuq id-decizjonijiet li jittiehdu waqt il-laqghat li jinzammu minn zmien ghal zmien mill-Kumitat aktar il-fuq imsemmi, huwa manifest li l-Bord ta' Sorveljanza ma jkunx f'qaghda li jirredigi simili rapport jekk ma jattendix ghal-laqghat tal-imsemmi Kumitat;

Illi effettivament il-membri u ufficjali tal-Bord ta' Sorveljanza minn dejjem attendew ghall-laqghat tal-Kumitat aktar il-fuq citat u di fatti kienu jigu notifikati bl-agenda ta' kull laqgha li kienet mahsuba li tinzamm mill-istess Kumitat, kif jafu ben tajjeb uhud mill-ufficjali tal-Kumitat tal-Koperattivi li fl-imghoddi kienu pprestaw is-servizzi taghhom fil-Bord ta' Sorveljanza u li ma ma kienux jattendu ghall-laqghat tal-Kumitat tal-Koperattiva kienu jitqiesu anke mill-konvenuti stess li huma assenti u dan in kwantu li huma kienu meqjusa obbligati ex lege li jattendu ghal dawn il-laqghat. Di fatti kien propju l-konvenut Michael Zammit li kien ippresieda l-laqgha generali annwali tal-Koperattiva in parola tal-20 ta''Gunju1993, li kien oppona li ex-membru tal-Bord ta' Sorveljanza ta' dak iz-zmien milli jikkontesta l-elezzjoni biex jigi mahtur membru tal-imsemmi Kumitat precisament in vista tal-fatt li

din il-persuna kienet naqset milli tattendi ghal diversi laqghat tal-kumitat riferit fil-kapacita' ta' membru tal-Bord ta' Sorveljanza;

Illi din il-prassi ta' sorveljanza tal-"Ghemil tal-Kumitat" mehtiega statutorjament u osservata fil-prattika, giet interrotta mill-konvenuti u dan arbitrarjament u minghajr ebda bazi legali;

Illi nonostante li l-konvenuti gew interpellati kemm il-darba biex jiddesistu minn dak il-komportament illegali huma baqghu inadempjenti u dan minkejja li kienu gew intimati li kienu ser jittiehdu passi gudizzjarji kontra taghhom;

Illi in oltre anke ic-Chairman tal-Bord tal-Koperattivi kif ukoll is-Segretarju Parlamentari inkarigat mill-Koperattiva, l-Onor. Dr. Joseph Cassar, gew mgharrfa kemm bl-attegjament abuziv u llegali tal-konvenuti kif ukoll bil-passi legali li kien qed jigu kontemplati mill-atturi;

Illi l-konsegwenza ta' dina l-imgieba abuziva u llegali tal-konvenuti hi li l-atturi qed jigu mxekkla milli jwettqu d-dmirijiet statutorji taghhom kontemplati mill-Artikolu 78 tal-Att aktar il fuq imsemmi u senjament dawk id-dmirijiet mahsuba mill-Artikolu 78(1) a u 79 (1) a tal-Att riferit;

Illi oltre s-suespost il-konvenuti, wkoll b'mod abusiv u llegali, qed jimpedixxu lill-atturi milli jkollhom access liberu f'kull hin ghad-dokumentazzjoni tal-Koperattiva msemmija, kif trid il-ligi u minflok qed jinsistu li simili access ghandu jsir wara li l-Kumitat jigi moghti pre-avviz, f'dan is-sens dina l-imgieba u l-ispirtu tal-Artikolu 78(2) tal-Att in kwestjoni;

talbu lil din il-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-agir tal-konvenuti nomine konsistenti fl-opposizzjoni taghhom li jippermettu lill-atturi nomine li jattendu ghall-laqghat tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, huwa abusiv u llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-Att tal- 1978 dwar l-Ghaqdiet Koperattivi;

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-imgieba tal-konvenuti nomine fis-sens li qed jimpedixxu lill-atturi nomine milli jkollhom access liberu f'kull hin ghad-dokumentazzjoni tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, huwa abusiv u llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-istess Att tal-1978 tal-Ghaqdiet Koperattivi;

3. Tikkundannahom biex jaghtu access liberu lill-atturi nomine biex l-istess atturi jkunu jistghu jattendu ghall-laqghat tal-Kumitat ta' Tmexxija tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, kull meta jinzammu simili laqghat;

4. Tikkundannahom biex f'kull hin jaghtu access liberu u inkondizzjonat lill-atturi nomine ghad-dokumentazzjoni tal-istess Koperattiva Bdiewa, Zabbar.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Marzu 1994, kontra l-konvenuti nomine ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine fejn qalu:

1. Illi t-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ma jirrizulta minn ebda ligi li l-konvenuti ghandhom xi obbligu jistiednu l-membri tal-Board tas-Sorveljanza ghal kull laqgha tal-Kumitat tal-Koperattiva Bdiewa; di piu il-konvenuti qatt ma mpedew lill-atturi li jezaminaw xi dokumentazzjoni tal-Koperattiva u dana l-atturi setghu jaghmluh wara li gie miftiehem hin u lok konvenjenti ghaz-zewg partijiet.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-3 ta' Mejju 1995 li permezz tieghu gie nominat l-assistant gudizzjarju l-Avukat Dottor Paul Caruana Curran sabiex jisma' l-provi tal-partijiet;

Rat il-verbali tax-xiehda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**Provi**

Fis-seduta tal-15 ta' Frar 1996 l-attur Leonard Agius nomine pprezenta affidavit Dok. LA1 kif ukoll Dok. LA2 li kien jindika l-grajjiet b'mod kronologiku.

Skond dawn id-dokumenti jirrizulta li fl-20 ta' Gunju 1993, kien gie elett il-Bord ta' Sorveljanza fil-laqgha generali annwali, u dan wara li kienu gew eletti l-membri tal-Kumitat tat-tmexxija, u cioe' l-istess attur, Joseph Lia u Joseph Schembri. L-attur xhud spjega li hu kien gie mahtur bhala membru wara li s-Sur Darmanin kien gie inibit milli jikkontesta l-

elezzjoni, stante li hu ma kienx jattendi ghal-laqghat tal-Kumitat tat-Tmexxija.

Sussegwentement, kienet saret l-ewwel laqgha tal-Kumitat tat-Tmexxija fil-15 ta' Lulju 1993, izda s-Segretarju li hareg ic-cirkularijiet lill-Membri tieghu, naqas li jibghat jinforma lill-Membri tal-Bord ta' Sorveljanza. Meta mbaghad Joseph Schembri sar jaf bil-laqgha, skond kif l-attur gie nfurmat, hu mar sabiex jattendi izda Carmelo Baldacchino, l-istess Segretarju tal-Koperattiva Bdiewa Zabbar, zammu milli jattendi wara decizjoni tal-Kumitat sabiex ma jithallewx aktar il-membri tal-Bord li jattendu. Dan minkejja l-fatt li l-Kumitat lanqas kien beda jiffunzjona, kif ukoll il-fatt li fuq l-agenda kien hemm proprju l-kwistjoni ta' l-attendenza tal-membri tal-Bord u l-konsegwenzi ta' sorveljanza, stante li kien hemm xi hadd gdid fuq tali Bord.

Din il-kwistjoni kienet imbaghad giet diskussa f'laqgha tal-Bord sabiex tigi nvestigata r-raguni ghaliex, in vista tal-fatt ukoll li l-inibizzjoni kienet qeghda ssir meta tnejn mit-tliet membri tieghu kienu ma tbiddlux u l-Bord kien qabel il-bidla jigi mistieden ghall-attendenza b'insistenza da parti tal-Kumitat. Sussegwentement, l-istess Kumitat spjega li l-azzjoni tieghu kienet bazata fuq dak li tghid il-ligi vigenti.

L-attur spjega li kontra ghal dak li hemm provdut fil-ligi, l-access ghall-minuti u dokumenti l-ohra tal-Kumitat min-naha tal-Bord, kien qed isir b'appuntament mas-Segretarju ta'l-istess Kumitat.

Fis-seduta ta' l-4 ta' Gunju 1996 Leonard Agius ammetta li l-Istatut tal-Kumitat ma kienx jipprovdi ghad-dritt tal-presenza tal-Bord ta'Sorveljanza.

Meta l-attur gie muri l-ittra tad-29 ta' Settembru 1995, ta' Dr. Godfrey Baldacchino mill-ufficcju centrali tal-Koperattivi, u cioe' Dok. IG1, hu spjega li din ma kenitx tirrispekkja dak li kienu ddiskutew. L-ittra ma kenitx giet iffirmata sussegwentement mill-Bord ghaliex ma kinux qablu dwar il-kontenut tieghu.

Fis-seduta tat- 28 ta' Ottubru 1997 ix-xhud sostna li dmirijiethom fir-rigward tal-vista tad-dokumenti kienu gew imxekkla.

Xehed ukoll Joseph Schembri li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 1997 spjega li s-soltu meta l-Kumitat kien jiltaqa', allura hu kien jircievi l-avviz u hu kien jattendi. Fil-fatt hu kien falla ftit laqghat biss. Meta darba minnhom huh

kien saqsieh jekk kienx sejjer ghal-laqgha, ix-xhud ghall-ewwel kien haseb li hu ma kienx gie notifikat bi svista. Meta hu ghalhekk mar ghal-laqgha, is-Segretarju tal-Kumitat, Baldacchino, kien wissiegh li l-Bord ta' Sorveljanza ma kellux dritt jattendi. Dan kien wara decizjoni tal-Kumitat stess. Spjega li din l-oppozizzjoni kienet saret proprju wara li kien gie elett Leonard Agius bhala President tal-Bord.

Fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 1997 l-istess xhud ammetta li l-Kumitat qatt ma kien cahad lill-Bord mill-vista tal-minuti u dokumenti ohra tieghu, izda dan skond l-appuntament li kienu jinghataw u mhux kif kien joghgob lilhom stess.

Fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 1997 xehed ukoll l-attur Louis Scicluna li qal li hu kien gie nfurmat li meta mar Joseph Schembri sabiex jattendi l-laqgha tal-Kumitat bhas-soltu, dan kien gie inibit milli jattendi. Imbaghad fis-seduta tat-28 ta' Ottubru 1997 qal li d-dokumenti u l-minuti tal-Kumitat kienu accessibbli ghall-membri tal-Bord, izda dan skond il-konvenjenza ta' l-istess Kumitat. Access liberu qatt ma kien hemm.

**Konsiderazzjonijiet**

1. Wara ezami tar-Regoli ta' Zabbar Farmers' Co-Operative Society Ltd.ipprezentati mill-atturi, jigi notat li ma hemm l-ebda regolament li jobbliga lill-Koperattiva sabiex tinforma, tistieden u taccetta membri tal-Bord ta' Sorveljanza ghal-laqghat taghha. B'dana li jigi osservat li regolament nru. 31 jistabbilixxi li *'Is-setghat u d-dmirijiet tal-bord ta' sorveljanza huma dawk imsemmija fl-Att tal-1978 dwar l-Ghaqdiet Koperativi, artikolu 78 mill- (1) sa (3)'.*

2. Issa l-art. 78(1) jipprovdi fost il-funzjonijiet tal-Bord ta' Sorveljanza, id-dmir tieghu li *(a) jissorvelja l-eghmil tal-kumitat tat-tmexxija, u ta' l-ufficjali u l-impjegati ta' l-ghaqda'.* Dan l-istess artikolu ghamlu riferenza ghalih l-atturi fic-citazzjoni u dikjarazzjoni taghhom, fejn qalu wkoll li dan l-artikolu jispecifika d-dmir tal-Bord li *'jizgura li l-affarijiet ta' l-ghaqda jitmexxew skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kif ukoll skond ir-regoli ta' l-ghaqda u skond id-decizjonijiet u rizoluzzjonijiet adottati f'laqghat generali jew f'laqghat tal-kumitat'* u li *'jippresupponi korrelativament il-jedd da parti tal-atturi li jissindakaw fuq l-operat tal-Kumitat imsemmi'* .

3. Ma hemm l-ebda provvediment li specifikatament jobbliga lill-kumitat ta' l-ghaqda koncernata sabiex jaccetta l-presenza tal-membri tal-bord ta' sorveljanza waqt il-laqghat tieghu. L-istess jinghad fl-ittra tat-3 ta' Settembru 1993, mibghuta mill-Bord tal-Koperattivi u pprezentata mill-konvenuti bhala Dok. IG1 a fol 51. Jekk wiehed jestendi l-intendiment ta' l-art 78(1)(a) tal-Kap 278 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-presenza ta' tali membri waqt il-laqghat, allura naslu wkoll sabiex nghidu li dawn ghandhom id-dritt li jpoggu fl-ufficini u jissorvelljaw l-eghmil ta' l-ufficjali u ta' l-impjegati ta' l-ghaqda.

4. Fil-kaz odjern il-presenza tal-membri tal-Bord ta' Sorveljanza fil-passat kienet biss forma ta' invit da parti tal-Kumitat tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, u mhux obbligu ta' l-istess Kumitat. Kien isir fi zmien meta mix-xhieda jirrizulta li r-relazzjonijiet bejn it-tnejn kienu aktar vicini.

5. Meta wiehed imbaghad ikompli jaqra l-art. 78 tal-Kap. 278, is-subartikolu (2) jipprovdi li *'Il-membri tal-bord ta' sorveljanza ghandu jkollhom access liberu f'kull hin ghall-kotba, karti u dokumenti kollha ta' l-ghaqda u l-kumitat tat-tmexxija u l-ufficjali kollha ghandhom, meta jkunu mitluba, jaghtu kont jew taghrif lill-bord ta' sorveljanza u jipproducu l-flus fl-idejn u l-attiv l-iehor ta'l-ghaqda ghall-ispezzjon tieghu'*. Ghalhekk, jidher li l-mod ta' sorveljanza ghandu jigi ezercitat b'dan il-mod u manjiera – dan l-artikolu jimponi obbligu fuq il-Kumitat tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, u jinghad ukoll li dan hu l-minimu ghaliex atti ohra li jkunu forma ta' sorveljanza, bhal attendenza waqt il-laqghat, isiru fid-diskrezzjoni ta' l-istess Kumitat. B'hekk l-ewwel talba attrici hi nfondata fil-ligi, u t-tielet talba konsegwentement ghandha wkoll tigi michuda.

6. Jigi osservat ukoll li l-art. 78(1)(g) li ghalih ukoll jaghmlu riferenza l-atturi, lanqas ma jaghtihom id-dritt li jkunu prezenti fil-laqgha generali annwali tal-Kumitat. Dan il-provvediment tal-ligi jobbliga lill-Bord li jipprezenta r-rapport tieghu *'ghall-laqgha generali annwali'* u mhux **fil-laqgha**, u dan prezumibbilment sabiex jigi diskuss waqt dik il-laqgha mill-Kumitat. L-intendiment tal-ligi ghalhekk hu car hawn ukoll, u ma jaghtix lok ghal dubbju.

7. Nigu b'hekk ghat-tieni u r-raba' talbiet ta' l-atturi. Il-art. 78(2) tal-Kap. 278 kif fuq citat, hu espress fl-intendiment tieghu. L-access tal-Bord ta' Sorveljanza ghad-dokumenti ta' l-ghaqda u tal-kumitat

tat-tmexxija, ghandu jkun wiehed liberu u bla xkiel ta' l-ebda tip, cioe` hawn m'hawnx kundizzjonijiet izda pjena diskrezzjoni fir-rigward tad-dritt ezercitabbli mill-Bord. Dan jinghad li hekk ghandu jkun jekk ghandu jintlehaq l-ghan ta' sorveljanza kif jipprovdi s-subartikolu ta' qabel. Izda minn dak li xehed Joseph Schembri, ex-membru tal-Bord, jirrizulta li l-vista tad-dokumenti ssir meta jkunu jistghu l-membri tal-Kumitat *'mhux per ezempju immorru ahna meta rridu'*. Louis Scicluna, Segretarju tal-Bord, xehed fl-istess seduta tat- 28 ta' Ottubru, 1997, li l-vista *'dejjem fil-hin taghhom li jkunu jistghu huma'.* Jispjega li gew imcahhda mill-hinijiet li jaghzlu huma, u dejjem skond il-hinijiet li fihom ikunu konvenjenti l-membri tal-Kumitat. Cahad imbaghad kategorikament li kien hemm access liberu. B'hekk jirrizulta li l-Kumitat ma kienx qed jottempora ruhu mal-provvediment ta' l-art. 78(2) tal-Kap. 278 u ghalhekk it-tieni u r-raba' talbiet attrici huma fondati fid-dritt u anke fil-fatt u ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel u t-tielet talbiet attrici izda tilqa' t-tieni u r-raba' talbiet u ghalhekk:

(1) tiddikjara li l-imgieba tal-konvenuti nomine fis-sens li qed jimpedixxu lill-atturi nomine milli jkollhom access liberu f'kull hin ghad-dokumentazzjoni tal-Koperattiva Bdiewa, Zabbar, huwa abbuziv u llegali ghall-finijiet u effetti kollha tal-istess Att tal-1978 tal-Ghaqdiet Koperattivi, u
(2) tikkundanna lill-konvenuti nomine biex f'kull hin jaghtu access liberu u inkondizzjonat lill-atturi nomine ghad-dokumentazzjoni ta' l-istess Koperattiva Bdiewa, Zabbar.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Onor. Imhallef**
**Dottor David Scicluna**

**D/Registratur**